TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru. 3/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
John Fauzza
u
Il-Kontrollur tal-Castille Hotel

Chairman : G.A. Craig

Data : 12 t'Ottubru 1977

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura fit-8 ta' Settembru, 1977. Huwa dwar tkeccija tas-Sur John Fauzza mill-Castille Hotel, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. Is-Sur John Fauzza kien assistit mis-Sur C.L. Farrugia waqt li l-Kontrollur tal-Castille Hotel kien assistit mis-Sur Mario Azzopardi, Acting General Manager tal-Castille Hotel.

3. It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom ezamina l-istqarrija tal-kaz maghmula mis-Sur John Fauzza fl-20 ta' Settembeu 1977, sema' z-zewg partijiet u x-xhieda migjuba, ezamina d-dokumenti kollha esebiti u sema' s-sottomissjonijiet tar-rapprezentanti ta' l-istess partijiet.

4. Fost is-sottomissjonijiet maghmula, l-assistent tal-Kontrollur tal-Castille Hotel, irrileva li l-appellant is-Sur John Fauzza kellhu kuntratt tax-xoghol ta' zmien 'definit' u allura it-Tribunal ma kellhux jilqa' ebda talba tas-Sur John Fauzza.

/2. .....

5. Mid-dokument esebit mis-Sur John Fauzza jirrizulta li hu kellhu kuntratt mal-President Hotels Limited li beda jsehh mit-23 ta' Frar 1970 ghal zmien ta' hames snin u li seta' jigi mgedded awtomatikament 'for a further five years .......... unless either party gives notice to the contrary in writing to the other party at least six calendar months before the expiration of the original period or of the said renewed period as the case may be." Minn dan jidher car li s-Sur John Fauzza kien impjegat ghal zmien 'definit', u ghalhekk ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' "tkeccija ingusta" kif provduta fl-artikolu 2 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

6. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-appellant.

(G.A. CRAIG)
Chairman

(S. GRECH)
Segretarju

12 t'Ottubru 1977

em